# Il-Ħadd 13.05.2018

1. L-ewwelnett l-Arċisqof talabni nwassal ir-ringrazzjamenti tiegħu għal mod kif ilqajnieh fostna tul il-Viżta Pastorali (is-Sibt 5/05, il-Ħadd 6/05, u t-Tnejn 7/05) bħala r-Ragħaj spiritwali tagħna:
   - Apprezza ħafna l-preżenza, il-kummenti u d-djalogu li kellna fid-diversi ċelebrazzjonijiet u laqgħat;
   - Jirringrazzja lil dawk kollha li b'xi mod kienu nvoluti fl-organizzazzjoni ta' din il-Viżta, lil dawk li tawh tifkira, kif ukoll lil min ta kontribuzzjoni b'risq il-Fond li għandu biex issir Karità mal-persuni fil-bżonn, fejn fi tmiem il-Viżta, għan-nom tagħkom, ippreżentajtlu ċekk ta' € 400.
   - Fl-istess waqt jibqa' jinkoraġġina biex inkomplu ningħaqdu flimkien u naħdmu ħalli l-Parroċċa tagħna tibqa' xbieha ħajja ta' Kristu Ġesù.
   - Fuq il-websajt tad-djoċesi u tal-parroċċa tagħna hemm artikli u ritratti tal-quddies u l-laqgħat li saru waqt il-Viżta Pastorali. Min jixtieq jordna xi ritratti jista' jagħmel dan *online* mill-websajt stess. *(http://www.knisja.org/ritratti/home/)*

2. Illum 13/05, **is-Seba' Ħadd tal-Għid – Lapsi** u *Jum il-Komunikazzjoni Soċjali*:
   ***– Jum l-Omm***:
   - Fis-6:00pm, Quddiesa fiċ-Ċimiterju *(u mhux fil-knisja parrokkjali)*.

3. It-Tnejn 14/05:
   - Fis-7:15pm - Laqgħa għall-Ġenituri tat-tfal li ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina.
     Din ser tkun immexxija mill-Kappillan u ser issir fil-Museum tas-Subien.

4. Il-Ħadd 20/05, **Għid il-Ħamsin – Pentekoste**:
   - Fit-8:15am - Quddiesa bil-Parteċipazzjoni u l-Preżentazzjoni
     ta' dawk li ser jagħmlu l-Griżma tal-Isqof f'Ottubru li ġej.
   - Fl-10:00am - Quddiesa animata mill-membri tal-Grupp Kariżmatiku taż-Żurrieq.

5. Avviżi oħra:
   - Nirringrazzjaw lil dawk kollha li laqgħuna f'darhom biex nitolbu flimkien u nagħmlu it-tberik għal din is-sena, kif ukoll grazzi tal-ġenerożità tagħkom, kemm bi kliem ta' inkuraġġiment u kemm bid-donazzjonijiet għall-knisja. Biss nappella biex dawk li għal xi raġuni jew oħra ma setgħux meta ndikat, imma li xorta jixtiequ jbierku, ħalli jikkuntattjaw lill-Kappillan u jagħmlu appuntament.

6. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 400 bħala donazzjonijiet b'risq il-Fond ta' Karità tal-Arċisqof;
   - € 370 minn ħarġa li kellna;
   - € 173 bħala ġabra speċjali b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr;
   - € 1,020 bħala donazzjoni bl-istess għan,
     speċjalment għat-tiswija tas-saqaf tal-knisja. Grazzi mill-qalb.